**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**SEDUTA KOLLIZZJONIJIET**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Hugo Mamo**

**Illum 10 ta' Novembru, 2020**

Il-Qorti;

Rat lil Hugo Mamo, ID 0031687G.

Billi akkuzat talli fit-2 ta' Marzu, 2015 ghall-habta ta' 18:45 hrs fi Triq is-Slielem Swieqi, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAM002;

1. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelina Sammut skond kif iccertifika Dr. Winston Bartolo M.D. mill-M.D.H.
2. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

3. B'manjiera bla kont;
4. U b'manjiera perikoluz;
5. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, saq l-imsemmija vettura b'velocita' iktar milli jmissu.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' full road traffic accident report datat 2 ta' Marzu, 2015; affidavit ta' PS 780 I. Camilleri; certifikat mediku rilaxxjat lil Carmen Sammut; affidavit ta' Dr. Winston Bartolo; process verbal.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' PS 1586 Ronnie Attard; Carmelina Sammut; Carmelo Sammut; u Perit Richard Aquilina.

Semghet lill-imputat jixhed b'mod volontarju fil-prezenza tal-Avukati difensuri tieghu.

Zammet access fuq il-post ta' l-incident nhar it-28 ta' Lulju 2020 fit-8:40am.

**PS 780 I. Camilleri** stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' San Giljan jispjega illi l-Ispettur Trevor Micallef li kien l-Ispettur ta' San Giljan dak iz-zmien tah struzzjonijiet sabiex johrog akkuzi fil-konfront ta' Hugo Mamo talli nhar it-2 ta' Marzu, 2015 kien involut f'incident tat-traffiku fejn sfat griehi gravi certa Carmelina Sammut.

**Dr. Winston Bartolo** jispjega illi huwa kien ezamina lil Carmen Sammut nhar it-02 ta' Marzu, 2015 fejn ikkonstata li l-istess Carmen Sammut kienet fil-periklu tal-mewt.

**PS 1586 Ronnie Attard** li kien stazzjonat l-Ghassa tal-Qawra jispjega li fit-2 ta' Marzu, 2015 ghal habta tas-7:00 p.m. huwa gie nfurmat mill-Control Room li kien hemm incident tat-traffiku fejn persuna sfat imtajra minn vettura. Huwa nizel fuq il-post fejn kellem lill-Carmen Sammut qabel ma ttiehdet bl-ambulanza gewwa l-Isptar Mater Dei. Jghid li l-vettura li tajret lil Carmen Sammut, giet imressqa minn Hugo Mamo, minn fejn sar l-impatt, qabel ma giet il-pulizija fuq il-post. PS 1586 jispjega li fuq il-bonett tal-istess karozza kien hemm mesha bhal li kieku xi hadd zelaq minn fuq l-istess bonett.

**Carmelina Sammut** tghid li f'Marzu tas-sena 2015 zewg sorijiet ghaddew ghaliha sabiex iwassluha sabiex taghti l-lezzjoni tad-duttrina lit-tfal gewwa Bahar ic-Caghaq. L-incident sehh ghal habta tas-6:30 jew 6:45 direzzjoni lejn St. Andrew's Road gewwa trejqa li taghti ghal Madliena. Tispjega li hija kienet miexja normali u ma kienx hemm karozzi ghaddejjin. Hija lemhet lir-ragel taghha fil-kantuniera u fil-pront sabet ruhha fuq il-bonett tal-karozza. Carmelina Sammut sfat feriti f'wiccha fejn ghandha certu ghadam imfarrak, liema griehi jistghu jitrangaw mill-Professur koncernat, izda Carmelina Sammut ma tridx. Kellha blood clot f'mohha li eventwalment telqet wahedha. Tghid li ma tantx kien hemm dawl fit-triq fejn sehh l-incident.

**Carmelo Sammut** jghid li fit-2 ta' Marzu, 2015 ghal habta tas-6:30 jew 6:45 ta' filghaxija, huwa kien qed jistenna lil mara tieghu, bil-kelb. Jispjega li huwa kien faccata ta' fejn sehh l-incident u kellu boghod qisu ghaxar passi. Jikkonferma li fit-triq setghu jipparkjaw il-karozzi. Meta lemah lil martu gejja lejh, fil-pront ghaddiet karozza u ra lil martu ttir il'quddiem u taqa' quddiem il-karozza mal-art. Jikkonferma li l-karozza li tajret lil Carmelina Sammut kienet tal-ghamla BMW u kienet gejja mid-direzzjoni ta' San Giljan b'certa velocita'. It-triq ma kienitx wahda dritta, u allura l-karozza kellha tikser xi ftit ghal got-triq.

**Perit Richard Aquilina** kien ipprezenta rapport fl-Inkjesta Magisterjali u kkonferma li la xtaq izid u lanqas inaqqas mill-kontenut tar-rapport tieghu u ghalhekk ikkonferma l-istess rapport.

**Hugo Mamo** jghid li dak inhar tal-incident huwa kien qed isuq karozza bin-numru ta' registrazzjoni MAN 002 u hekk kif kien se jitla' t-tela' ghal Madliena, ra ragel bil-kelb tieghu fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Jispjega li t-triq kienet mudlama. Hu u tiela' t-tela', ra vettura ohra niezla u bid-dawl tal-istess vettura, ra mara li harget minn wara l-karozza li kienet niezla u ghalhekk ma rahiex. Huwa laqatha fuq in-naha tax-xufier u cioe' fuq in-naha tal-lemin tal-karozza. Jichad li kien ghaddej b'certa velocita' u dan jista' jigi kkonstatat anke mir-ritratti fejn, mid-daqqa tal-impatt jidher li ma kienx hemm xi hsarat fil-karozza u allura zgur li ma setax kien ghaddej b'certa velocita'. Hugo Mamo jghid li huwa qatt ma kien notifikat b'din il-kawza u fil-fatt jispjega li l-pulizija tan-Naxxar

cemplulu f'Ottubru tas-sena 2017 sabiex imur l-Ghassa tan-Naxxar stante li kien taht arrest talli ma attendiex ghall-ewwel seduta. Il-Pulizija nfurmawh li kellu jmur l-Ghassa u jorqod hemm sabiex l-ghada jittiehed il-Qorti. L-ghada, Hugo Mamo cempel lill-Avukat Gianluca Caruana Curran u kellem lill-istess Avukat x'hin wasal il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi dan kien kaz meta l-*parte civile* skont il-verzjoni taghha kienet qieghda taqsam fi trejqa gewwa Triq is-Slielem, giet karozza misjuqa mill-imputat u spiccat imtajra. Skont il-verzjoni tal-imputat huwa ma setax jara lil *parte civile* minhabba li harget minn wara vettura u ghalhekk hasditu u kien tard wisq meta ra. Illi ghalkemm hawn zewg verzjonijiet differenti, fil-*process verbal* hemm xiehda tal-istess *parte civile* fejn tikkonferma li harget minn wara vettura. Illi ghalkemm ukoll hemm xiehda ta' Sister Grace Mercieca li konfermat li kienu waslu lil Carmen Sammut minn fejn nizlet mill-vettura taghhom u marret biex taqsam minn warajha fejn spiccat imtajra. Illi l-*parte civile* spiccat giet mehuda gewwa l-isptar fejn kellha griehi gravi u kien hemm mumenti li kienet fil-periklu tal-mewt. Ghalkemm irnexxiela tirkurpra, fix-xhieda taghha, Carmen Sammut qalet li kellha griehi f'wiccha minhabba l-ghadam miksur.

**Ikkunsidrat**

*<u>Preskrizzjoni</u>*

Illi d-difiza qajmet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni minhabba l-fatt li skont ma' xehed l-imputat huwa kien gie notifikat wara sentejn u cioe' f'Ottubru tas-sena 2017. Illi dan il-kaz jirrisali ghal Marzu tas-sena 2015 fejn l-ewwel seduta inzammet fl-10 t'Ottubru 2017. Illi skont ma' qalet id-difiza, dan ir-reat igorr piena ta' tlett xhur u ghalhekk huwa preskritt bit-terminu ta' sentejn. Illi hawnhekk il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument u dan kif sejjer jinghad. Illi f'dan il-kaz, l-imputat qieghed jigi akkuzat taht l-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 225 tal-istess Kap 9 fejn minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hsieb izda b'mod involontarju kkaguna offizi ta' natura gravi. Illi dan ir-reat qatt ma gie emendat mis-sena 2007 u dan skont kif jidher mill-istess Ligi. Illi ghalhekk l-argument dwar il-piena li trid tittiehed ghal dak in-nhar ma tistax tigi

meqjusa ghal raguni li l-piena dejjem kienet l-istess kemm meta sehh il-kaz u cioe' fis-sena 2015 u anki issa fis-sena 2020. Illi ghalhekk dak li trid tara l-Qorti jekk fil-fatt meta saret in-notifika u wkoll jekk f'dan il-kaz kienx hemm griehi li jaqghu taht l-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat fil-gurnata tal-incident kien ta lil Pulizija indirizz gewwa n-Naxxar u dan skont kif jidher fl-istess rapport tal-Pulizija li jinsab a fol 3. Illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2017 kien hemm l-ewwel seduta tal-kaz izda l-imputat ma deherx. Il-prosekuzzjoni esebiet riferta fejn tqassmet fl-indirizz li l-imputat kien ta dakinnhar li sehh il-kaz. Illi mill-informazzjoni li hemm fuq din l-Ordni tan-Notifika jidher li tqasmet lil persuna bl-isem ta' Bibi Ospena fl-20 ta' Frar 2017 u wkoll inghata kopja tac-citazzjoni kif ukoll l-affidavit. Illi meta l-imputat deher l-ewwel darba fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2017, kien qal li ma kienx inghata d-data tan-notifika. Kien biss fis-sena 2020 li qal li qatt ma rceva dokumenti tal-akkuzi u ma kienx gie notifikat. Illi ghalhekk bid-dikjarazzjoni li hemm fuq l-Ordni tan-Notifika johrog bic-car li r-rekwiziti li hemm fl-artikolu 360A, il-Pulizija Ezekuttiva mxew mieghu. Illi anki l-artikolu 362 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid espressament li n-notifika tithalla f'idejn il-persuna u tkompli pero' li jekk ma jkunx qieghed hemm "...jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod". Illi ghalhekk din il-Qorti tara li fil-fatt in-notifika saret skont il-ligi u dan qabel l-gheluq ta' sentejn minn meta sehh il-kaz u ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

## Ikkunsidrat

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tidhol fil-mertu tal-kaz sabiex jigi stabbilit ir-responsabilita' jew le tal-imputat. Illi fil-kaz odjern id-dover tal-Prosekuzzjoni hu li jipprezentaw kaz konvincenti u ppruvat li jistabilixxi l-htija tal-imputat ghal dak il-kaz. Huwa wkoll ghalhekk irid jigi pruvat li kien hemm kondotta involontarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u nvolontarju.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tezamina x'inhuma r-rekwiziti tar-reat principali in ezami, u cioe` dak kontemplat fl-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9, u cioe` tar-reat li biha gie akkuzat l-imputat, u cioe` offizi involontarji fuq il-persuna. L-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 jaghmel referenza ghall-artikolu ta' qabel u cioe' dak tal-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jiddisponi s-segwenti:

> *"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, …"*

Illi f'dan il-kaz l-artikolu 225 tal-Kap 9 jaghmel referenza ghal mewt ta' persuna li f'dan il-kaz ma japplikax minhabba l-fatt li qieghed jigi invokat l-artikolu 226 u cioe' meta persuna tikkaguna offizi gravi minhabba b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila jew tharis. Illi ghalhekk wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe`:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. ikkaguna offiza gravi ;
3. fuq persuna.

Ghalkemm il-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini "nuqqas ta' hsieb u traskuragni", madanakollu l-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanza partikolari. Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jistipula illi ghalkemm il-legislatur jonqos milli jaghti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' :

> *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."*

Il-Professur Mamo kompli jsostni li:

> *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen" (Lectures in Criminal Law, Volume 1).*

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-Pulizija vs Richard Grech il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe` fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

Illi f'dan il-kaz ifisser li fejn ikun hemm xi attivita diretta u li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Illi f'dan il-kaz l-agir illegali ta' xi hadd jista' jwassal ghal sitwazzjoni dannuza ta' terzi.

Illi wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli' deciza l-4 ta' Frar, 1961 per Onor. Imhallef J. Flores

> *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

Illi ma' dan il-principju hemm marbut ukoll il-kwistjoni ben stabbilita li s-sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm l-hekk imsejjah *"proper look out".* Gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Roderick Debattista deciza nhar is-26 ta' Mejju, 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> *"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Il-Pulizija vs Joseph Grech deciza fis-6 ta' Gunju, 2003 per Onor. Imhallef V. DeGaetano) rriteniet ukoll li,

> *"Fi kliem iehor, biex nuqqas ta' "proper lookout" iwassal ghal responsabbilta` penali il-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas ta' "proper lookout" dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kienitx issehh f'dak il-grad li effettivament sehhet. Jekk dik il-hsara fi kwalunkwe kaz ma setghetx tigi evitata, allura jigi nieqes in-ness ta' kawza u effett bejn in-nuqqas ta' "proper lookout" (l-ghemil negligenti) u l-hsara kagunata (l-effett dannuz); ma jkunx jista' jinghad li n-nuqqas ta' "proper lookout" kien kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-hsara kagunata*"

Illi ghalhekk ma' dawn il-principji gia msemmija hawn fuq il-Qorti trid tara wkoll dak hekk imsejjah il-kulpa. Illi irid jigi osservat li f'kazijiet bhal dawn fejn ikun hemm akkuzi ta' dak li hemm fl-artikoli 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-Artikolu 225 tal-Kap 9. Illi hawn si tratta ta' kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza li jistghu jigu minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis tal-ligijiet u regolamenti. Illi f'dan il-kaz jistghu jigu klassifikati b'dan il-mod:

1) l-imprudenza, li tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli;
2) in-negligenza, li tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu; u
3) l-imperizja; li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe` kif jghid Manzini:-

> "*L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto*".

Illi kif diga inghad il-kulpa tista' tkun ukoll kagun tal-fatt li ma jigux osservati il-ligijiet, ir-regolamenti, jew l-odnijiet. Illi l-iskop ewlieni huwa li jigu evitati dawk id-danni lil terzi sabiex jitharsu ir-regolamenti mahruga.

Illi f'kazijiet bhal dak odjern, il-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-imputat kien hati ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova n-nexus bejn il-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema ness irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe` li tammonta ghal *criminal misconduct* (vide Il-Pulizija vs Manuel Schembri deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.) Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara din l-esposizzjoni legali fuq il-principju tal-culpa u negligenza, l-Qorti trid issa tifli dawk il-provi li gew imressqa quddiemha sabiex tasal ghal sejbien ta' htija jew le. Illi f'dan il-kaz, il-Qorti semghet kemm il-*parte civile* kif ukoll l-imputat u taw il-verzjonijiet taghhom. Illi minn dak li qalet l-istess *parte civile* u cioe' Carmelina Muscat meta xehdet nhar l-10 ta' Novembru 2017 fejn in sintezi qalet li hija kienet qieghda taqsam u ma kien hemm ebda karozzi u f'hin minnhom sabet ruhha fuq bonnet ta' karozza (a fol 25). Kompliet tghid li kif taghmel is-soltu harset fiz-zewg nahat u ma rat ebda karozza u ghalhekk qasmet fejn (a fol 26) qalet li ma qasmet minn wara ebda haga. Illi ta' min jinnota li l-imputat jaghti verzjoni totalment differenti minn dik li qalet il-*parte civile*. Illi meta xehed l-imputat fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2020, huwa semma fatt li huwa differenti u cioe' jghid testwalment (a fol 61) li *"the woman popped out, she was crossing the road and she popped out from behind the car, so I did not have the chance to see her."*

Illi oltre dan il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tal-access li kien sar fuq il-post ta' l-incident *de quo*, fejn intqal is-segwenti, u se jigi kkwotat *verbatim;*

*Qorti: Id-Difiza tirrileva li dak inhar tal-incident kien bejn is-6:30 p.m. u s-7:00 p.m. ta' fil-ghaxija tat-2 ta' Marzu, 2015 u allura kien dlam cappa u d-dinamika tal-incident kien bil-mod segwenti. Illi l-imputat kien tiela' fuq in-naha tax-xellug ta' din it-triq, jigifieri tat-tela' illi hawn bejn il-main road faccata tal-Greens, Triq is-Slielem illi tidher tela' mxeqilba ftit il'fuq, u t-traffiku kien gej mit-triq opposta ta' Triq is-Slielem. Qasmet mara minn naha tar-railings ghan-naha tal-bankina.*

*Xhud: Jiena kont insuq bil-mod bil-karozza, and there was a car coming down, so the first thing you see, is pitch black, il-karozza. That's the first thing.*
*Difiza: The headlights?*
*Xhud: The headlights.*
*Qorti: No. I want to know where exactly. That you will testify later. Where exactly the accident happened. Which part?*
*Xhud: She was crossing from this street, crossing to.*
*Qorti: Which part imma? There? Ftit qabel il'boghod mill-liwja. Jidher li l-incident sar ftit qabel il-liwja int u tiela' minn Triq is-Slielem, mill-Greens il'fuq. Id-Difiza tippuntwalizza illi l-imputat kien diehel mill-main road ghal Triq is-Slielem.*
*Xhud: I moved my car before the police came.*
*Qorti: So, they did not find it in the same position? Id-Difiza tirrileva wkoll li l-karozza giet imcaqalqa qabel ma gew il-pulizija.*

Illi minn dawn il-fatti li hargu mix-xiehda jidher li huma verzjonijiet differenti ghall-ahhar. Illi jidher li l-imputat qieghed jitfa' l-htija ghas-sitwazzjoni ta' emergenza li l-*parte civile* holqot meta qasmet minn wara vettura. Illi minn naha l-ohra l-*parte civile* tat verzjoni totalment differenti. Illi mill-*process verbal* li jinsab esebiet fil-process, fil-konkluzjoni jghid espressament:
*"Carmen Sammut kienet nizlet mill-karozza tas-sorijiet u kif bdiet taqsam minn* ***warajha,*** *hi ntlaqtet mill-BMW…"*

Illi fil-fatt dan johrog mix-xiehda li Carmen Sammut kienet tat lill-espert tal-Qorti l-Perit Richard Aquilina fejn semmiet il-mod kif kienet qasmet dakinnhar tal-incident. Illi din il-verzjoni hija totalment differenti minn dak li qalet meta xehdet quddiem din il-Qorti. Illi anki l-istess Ufficjal Prosekutur kien staqsa domanda ghal dan il-ghan fejn hija wiegbet li ma kenitx qasmet minn wara vettura. Illi anki l-imputat fix-xiehda li kien ta *a tempo vergine* meta gie mistoqsi mill-Pulizija (ara fol 4 tar-rapport tal-Pulizija). Illi bla dubju ta' xejn il-verzjoni li ta l-istess imputat hija wahda vero simili ghal dak li gara dakinnhar.

Illi sejra ssir referenza ghal diversi sentenzi fejn jidhol ir-responsabilita' tal-*pedestrian* f'kazijiet simili bhal dawn u illi wkoll hemm l-obbligu tal-*pedestrian*, fejn il-Qorti tal-Appell

Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Alfred Caruana' deciza fl-14 ta' Mejju 1955 stabbilit li:

> *"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian".*

F'sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha; eg. *"meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi *car* iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765) – ara wkoll Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta' Novembru 2007.

Arginati ghalhekk dawn il-linji gwida gurisprudenzjali, li ghamlet ukoll referenza ghalihom l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara tal-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-*pedestrian* meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh.

U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-*culpa* tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:

In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, l-kolpa gie definit bhala:

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

3. *la possibilita di prevedere.*

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri (16.3.1961); Il-Pulizija vs. John Polidano (3.11.1963); Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-contributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, kif intqal hawn aktar 'il fuq, fin-noti tieghu, jghid hekk: "*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".

Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija.

Stabbiliti kwindi dan l-insenjament mghoddi lilna mill-gurisprudenza u mill-awturi ghorriefa fil-kamp penali u imqabbla mal-fatti probatorji kif elenkati iktar 'il fuq ghandu johrog car illi ghalkemm huwa indubitat illi Carmen Sammut poggiet lilha nnifisha f'sitwazzjoni ta' periklu tant illi qasmet minn wara vettura u ghalhekk kellha l-vizjoni tat-triq mghottija. Illi l-fatt li hija harget ghall-gharrieda minn wara vettura, holqot periklu

istantanju lis-sewwieq li kien gej fil-karreggata l-ohra. Dan ghal fatt marbut ukoll mas-sitwazzjoni li kien hemm vettura wieqfa fid-direzzjoni opposta tas-sewwieq fejn seta' kompla zied in-nuqqas tal-vizjoni tieghu. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, il-*parte civile* kkontribwixxiet ghal dan l-event dannuz fejn hija soffriet griehi gravi. Illi inoltre anke mghadud ma' dak li ntqal u kkonstatat il-Qorti waqt l-access, jirrizulta li fit-triq minn fejn kien ghaddej l-imputat hemm liwja u dak in-nhar kien id-dlam, il-liwja li kkonstatat l-istess Qorti tibbloka l-vizwali ta' min ikun ghaddej tiela' minn dik it-triq allura anke dan il-fatt ikkontribwixxa ghall-event dannuz li fih il-parte civile sfat imwegga'.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija ghal-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni sar-raba akkuzi huma marbuta flimkien u ghalhekk sejrin jigu trattati flimkien. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, il-Qorti tat tifsiriet ghal kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi*

> *kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita` tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari. Fil-kazijiet meta ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta` kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar it-tnax (12) ta' Frar 2004, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Grima intqal li:

> *"Il-fatti – inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti… dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which maybe drawn by the tribunal of fact."*

Illi l-imputat kif inghad hawn fuq gie akkuzat talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, bla kont u b'manjiera perikoluza. Fil-kaz odjern ma jirrizulta minn imkien fl-atti li l-imputat kienet qed issuq bi *speed eccessiv*, jew li l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tieghu jew li skidjat u allura l-Qorti mhijiex moralment konvinta li s-sewqan tal-imputat wasal sa tali grad. Il-Qorti thoss li l-incident gara minhabba kaz ta' *meta persuna jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat* u mhux ghaliex l-imputat saq b'mod traskurat jew perikoluz. Ghalhekk t-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza ma tirrizultax ippruvata.

Illi rigward il-hames akkuza, lanqas din ma giet ippruvata stante li ma ngiebet ebda prova tal-velocita' li l-imputat kien qieghed isuq u ghalhekk qieghed jigi liberat minnha.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 (1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 127 tal-Ligi Sussidjarja 65.11 ma ssibx lill-imputat **Hugo Mamo** hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontrih u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**